C/2025/5738

23.10.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12131 — AXA / NEURONE / PRIMA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/5738)

1. Fit-13 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— AXA Group ("AXA", Franza), ikkontrollata mill-kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata AXA S.A. (Franza),

— Neurone Capital Limited ("Neurone", Ċipru), ikkontrollata minn individwu privat,

— Prima Assicurazioni S.p.A ("Prima", l-Italja), ikkontrollata b'mod konġunt minn Carlyle Group Inc (l-Istati Uniti), fondi mogħtija b'pariri minn affiljati ta' Blackstone Inc (l-Istati Uniti) u The Goldman Sachs Group (l-Istati Uniti).

AXA u Neurone se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Prima kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— AXA hija fornitur globali tal-assigurazzjoni u tal-immaniġġjar tal-assi,

— Neurone hija kumpanija ta' investiment,

— Prima hija intermedjarju tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja li jopera fl-Italja, Spanja u r-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12131 — AXA / NEURONE / PRIMA

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË